=

Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11940/26**
**ADD 1**

**DENLEG 79**
**FOOD 105**
**SAN 596**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 14 ta' Lulju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | D115839/02 annex |
| Suġġett: | ANNESS tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1616 fir-rigward tal-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni, id-dokumentazzjoni tal-konformità, il-metodi ta' ttestjar, u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D115839/02 anenx.

---

Mehmuż: D115839/02 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
ANNEX PLAN/2025/1217
[POOL/E2/2025/1217/1217-EN
ANNEX.docx] D115839/02
[…](2026) XXX draft

ANNEX

**ANNESS**

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1616 fir-rigward tal-ġestjoni tar-reġistru tal-Unjoni, id-dokumentazzjoni tal-konformità, il-metodi ta' ttestjar, u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati mar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa**

## ANNESS

L-Annessi I u III tar-Regolament (UE) 2022/1616 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) It-Tabella 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Numru tat-teknoloġija tar-riċiklaġġ** | **Isem tat-teknoloġija** | **Tip ta' polimeru (speċifikazzjoni dettaljata fit-Tabella 2)** | **Deskrizzjoni qasira tat-teknoloġija tar-riċiklaġġ (speċifikazzjoni dettaljata fit-Tabella 3)** | **Speċifikazzjoni tal-input tal-plastik** | **Speċifikazzjoni tal-output** | **Soġġetta għall-awtorizzazzjoni ta' proċessi individwali** | **Speċifikazzjonijiet u rekwiżiti (referenza għat-Tabella 4)** | **Derogi (referenza għat-Tabella 5)** | **Tapplika l-iskema ta' riċiklaġġ** | **Rekwiżit ta' dokumentazzjoni mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera (referenza għat-Tabella 6)** |
| 1 | Riċiklaġġ mekkaniku tal-PET ta' wara l-konsum | PET (2.1) | Riċiklaġġ mekkaniku (3.1) | W maħsul u mnixxef li fih massimu ta' 5 % ta' materjali u oġġetti li ntużaw f'kuntatt ma' materjali jew ma' sustanzi mhux tal-ikel. Ir-riżultati tat-test ta' test f'konformità mal-Anness A tal-ISO-12418-2:2012 jew b'metodu fejn tista' tintwera prestazzjoni ekwivalenti jew ogħla għandhom ikunu: m1/m0 ≤500ppm, m2/m0≤200 ppm, u m3/m0≤500 ppm. | PET dekontaminat, materjali u oġġetti finali li ma għandhomx jintużaw fi fran microwave jew konvenzjonali; jistgħu japplikaw speċifikazzjonijiet addizzjonali għall-output minn proċessi individwali | Iva | - | - | Le | Iva (6.1) |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Riċiklaġġ minn ċirkwiti tal-prodotti li jkunu f'katina magħluqa u kkontrollata | Il-polimeri kollha mmanifatturati bħala materja prima f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 10/2011 | Tindif bażiku u dekontaminazzjoni mikrobijoloġika matul l-iffurmar mill-ġdid (3.2) | Materjali u oġġetti tal-plastik mhux ikkontaminati kimikament prodotti minn polimeru wieħed jew minn polimeri kompatibbli li ntużaw jew li kienu maħsuba biex jintużaw skont l-istess kundizzjonijiet ta' użu u li nkisbu biss minn ċirkwit ta' prodotti li huwa f'katina magħluqa u kkontrollata, u jeskludi l-ġbir mingħand il-konsumaturi | Il-materjali u l-oġġetti ffurmati mill-ġdid maħsuba sabiex jintużaw għall-istess skop u bl-istess kundizzjonijiet ta' użu bħall-materjali u l-oġġetti ċċirkolati fl-iskema ta' riċiklaġġ li minnha jkun inkiseb l-input tal-plastik | Le | 4.1 | - | Iva | Le |

";

(b) tiżdied it-tabella li ġejja:

*"Tabella 6*

Rekwiżit ta' dokumentazzjoni mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera f'konformità mal-Artikolu 5a(4)

| Numru ta' referenza 6.1 Kodiċijiet NM applikabbli għall-PET | | | Dikjarazzjoni tal-konformità |
|---|---|---|---|
| | ex 3907 61 00 | Poli(etilentereftalat) b'numru ta' viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla, irkuprat mill-iskart, *adatt jew maħsub għall-użu f'kuntatt mal-ikel* | Id-Dikjarazzjoni P, A jew B |
| | ex 3907 69 00 | Poli(etilentereftalat) ieħor, irkuprat mill-iskart, *adatt jew maħsub għall-użu f'kuntatt mal-ikel* | Id-Dikjarazzjoni P, A jew B |
| | ex 3915 90 20 | Skart tal-poli(etilentereftalat), *maħsub għall-użu f'kuntatt mal-ikel* | Dikjarazzjoni P |

| | | |
|---|---|---|
| ex 3923 30 10 | Damiġġani, fliexken, flasks u oġġetti simili: b'kapaċità li ma taqbiżx iż-żewġ litri, tal-poli(etilentereftalat), *b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel* | Dikjarazzjoni C |
| ex 3923 30 90 | Damiġġani, fliexken, flasks u oġġetti simili: b'kapaċità ta' aktar minn żewġ litri, tal-poli(etilentereftalat), *b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel* | Dikjarazzjoni C |
| ex 3920 62 19 | Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi oħrajn, tal-plastik, mhux ċellulari u mhux rinfurzati, laminati, appoġġati jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħrajn tal-poli(etilentereftalat) ta' ħxuna li ma taqbiżx iż-0,35 mm, *b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel* | Dikjarazzjoni C |
| ex 3920 62 90 | Pjanċi, folji, riti, fojls u strixxi oħra, tal-plastik, mhux ċellulari u mhux rinforzati, laminati, appoġġati jew ikkombinati b'mod simili ma' materjali oħra, tal-poli(etilentereftalat) ta' ħxuna li ma taqbiżx iż-0,35 mm, *b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel* | Dikjarazzjoni C |
| ex 3919 10 80 | Pjanċi, folji, ir-riti, fojls, tapes, strixxi u forom ċatti oħrajn awtoadeżivi, tal-plastik, f'rombli b'wisa' ta' mhux aktar minn 20 cm, tal-poli(etilentereftalat) b'kontenut riċiklat adattat għall-użu f'kuntatt mal-ikel | Dikjarazzjoni C |
| ex 3919 90 80 | Pjanċi, folji, film, fojl u forom ċatti oħra awtoadeżivi, tal-plastik, tal-poli(etilentereftalat), b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel | Dikjarazzjoni C |
| ex 3923 10 90 | Oġġetti għall-ġarr jew ippakkjar tal-oġġetti, ta' plastiks; kaxex, cases, ċestuni u oġġetti simili, tal-poli(etilentereftalat), b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel | Dikjarazzjoni C |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ex 3923 90 | Oġġetti oħra għall-ġarr jew l-ippakkjar tal-oġġetti, tal-plastik tal-poli(etilentereftalat), b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel | Dikjarazzjoni C |
| | ex 3924 10 00 | Oġġetti tal-mejda u oġġetti tal-kċina, tal-poli(etilentereftalat), b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel | Dikjarazzjoni C |
| | ex 3924 90 00 | Oġġetti oħrajn tad-dar, tal-plastik, tal-poli(etilentereftalat), b'kontenut riċiklat adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel | Dikjarazzjoni C |

"

2. L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS III*

**Mudelli għad-Dikjarazzjonijiet ta' konformità**

L-informazzjoni mogħtija fil-Parti A sal-Parti C u fil-Parti P b'tipa *korsiva* hija għal spjegazzjoni biss u għandha titħalla barra minn kwalunkwe kamp li jista' jimtela f'Dikjarazzjoni maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Il-kampijiet kollha f'dawn il-mudelli għandhom jimtlew, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fil-kamp.

PARTI P

Dikjarazzjoni P: Dikjarazzjoni li għandha tintuża mill-operaturi f'konformità mal-Artikolu 6(1)

| |
|---|
| DIKJARAZZJONI tal-KONFORMITÀ f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-REGOLAMENT (UE) 2022/1616 ('Dikjarazzjoni P') |

<table>
<tr><td colspan="4">Jiena, is-sottoskritt, niddikjara f'isem [ŻID L-ISEM TAL-OPERATUR] kif identifikat fit-Taqsima 1.1, li l-plastik preproċessat parzjalment jew l-input tal-plastik identifikat fit-Taqsima 1.2 ġie prodott f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616. B'dan, jien niddikjara li sa fejn naf jien, il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni huwa korrett u konformi mar-Regolament (UE) 2022/1616.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Taqsima 1: Identifikazzjoni</td></tr>
<tr><td>1.1.1</td><td>L-identità tal-operatur li joħroġ id-dikjarazzjoni</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td>1.1.2</td><td>L-indirizz tal-operatur li joħroġ id-dikjarazzjoni</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td>1.2.1</td><td>L-identità tal-prodott li għalih tapplika d-dikjarazzjoni</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td>1.2.2</td><td>Numru tal-Lott</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td>1.2.3</td><td>Tip ta' polimeru*</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td>1.3</td><td>Il-kodiċi tal-komodità użat għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-prodott li għalih tapplika d-dikjarazzjoni, jekk ġie importat</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td colspan="4">Taqsima 2: Konformità (ara l-istruzzjonijiet taħt dan il-mudell)</td></tr>
<tr><td>2.1</td><td>Oriġini</td><td>☐ L-UE</td><td>☐ Mhux tal-UE</td></tr>
<tr><td>2.2</td><td>Modalità tal-ġbir<br>(F'każ li l-materjal miġbur ikun taħlita ta' DRS, PCW u 'teknoloġija ġdida', għandhom jiġu pprovduti l-perċentwali ta' kull frazzjoni)</td><td>…%</td><td>DRS</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td rowspan="2"></td><td>…%</td><td>PCW</td></tr>
<tr><td>…%</td><td>Sistema NTC, numru NTN (jekk ikun hemm):</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 2.3.1 L-iskart tal-plastik soġġett għal din id-dikjarazzjoni jikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/1616 | IVA / LE† |
| 2.3.2 Iċ-ċertifikazzjoni tas-sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2022/1616 | (*Jekk jogħġbok speċifika l-korp ta' ċertifikazzjoni u agħti l-prova taċ-ċertifikazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità applikata)* |
| Taqsima 3: Struzzjonijiet u informazzjoni għall-utenti tal-prodott | |
| 3.1 Stadju tal-preproċessar:<br>*(Jekk jogħġbok speċifika l-istadju attwali tal-materjal abbażi tal-passi tal-ipproċessar imwettqa)* | ☐ plastik parzjalment preproċessat iżda li għadu mhux adattat bħala input tal-plastik<br>☐ input tal-plastik |
| 3.3 Struzzjonijiet speċifiċi oħra, jekk ikun hemm | |
| Taqsima 4: Firma | |
| 4.1 Firma u timbru tal-kumpanija | |
| 4.2 Isem il-persuna li qed tiffirma | |
| 4.3 Rwol/pożizzjoni tal-persuna li qed tiffirma | |
| 4.4 Data u post | |

* It-tip ta' polimeru għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin: PET (Polietilentereftalat), HDPE (Polietilen b'Densità Għolja), LDPE (Polietilen b' Densità Baxxa), PP (Polipropilen), PS (Polistiren), PA (Poliammid), PLA (Aċidu Polilattiku), PVC (Klorur tal-Polivinil) jew O (oħrajn).

†ingassa dak li ma japplikax.

**Struzzjonijiet għat-taqsima 2; għall-finijiet tal-kampijiet 2.1 u 2.2 ta' din id-Dikjarazzjoni:**

(1) L-oriġini għandha tkun jew: 'UE'; Jew 'mhux tal-UE'.

'Mhux tal-UE' għandha tintuża għal input tal-plastik li jkun fih mill-inqas 10 % ta' plastik li joriġina minn skart li jkun inġabar jew ġie preproċessat f'pajjiż terz.

F'każ li l-oriġini indikata fil-kamp 2.1 tkun 'mhux tal-UE', il-kodiċi tal-komodità li taħtu jiġi importat il-materjal tal-plastik għandu jiġi inkluż fil-kamp 1.3 ta' dik id-Dikjarazzjoni.

(2) Il-modalità tal-ġbir għandha tkun waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

– 'DRS' (Deposit Return System), jiġifieri 'Sistema ta' Rifużjoni tad-Depożitu' kif definita fl-Artikolu 3(1), il-punt (62), tar-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], li għandha tintuża jekk l-input tal-plastik ikun inġabar f'konformità mal-Artikolu 6 jew l-Artikolu 9, kif xieraq, u bl-użu ta' sistema ta' ritorn jew ta' rifużjoni tad-depożiti;

– 'PCW' (Post-Consumer Waste), jiġifieri 'Skart ta' Wara l-Konsumatur' kif definit fil-parti introduttorja tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, li għandha tintuża jekk il-modalità ta' ġbir ma tkunx 'DRS', iżda l-input tal-plastik joriġina mill-iskart ta' wara l-konsumatur u jkun inġabar f'konformità mal-Artikolu 6; jew

– 'NTC' (Novel technology collection) (Ġbir ta' teknoloġija ġdida), jekk il-modalità tal-ġbir tal-input tal-plastik la tkun 'DRS' jew lanqas 'PCW', iżda jkun inġabar b'mod speċifiku għal teknoloġija ġdida li tkun qed tiġi żviluppata f'konformità mal-Artikolu 10(1).

  Fil-każ ta' 'NTC', id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha tipprovdi n-numru tat-teknoloġija l-ġdida kif imsemmi fl-Artikolu 24(3), jekk applikabbli.

<u>F'każ li l-materjal miġbur ikun taħlita ta' DRS, PCW jew 'teknoloġija ġdida', għandhom jiġu pprovduti l-perċentwali ta' kull frazzjoni.</u>

Materjal li joriġina minn DRS ikun ukoll PCW, madankollu, għall-finijiet ta' din it-taqsima, id-denominazzjoni 'DRS' biss għandha tintuża għal materjal li joriġina minn sistema ta' rifużjoni tad-depożiti, u ma għandux jiġi inkluż fil-kontenut 'PCW', jekk applikabbli.

[1] Ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE (ĠU L, 2025/40, 22.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/40/oj).

PARTI A

Dikjarazzjoni A: Dikjarazzjoni tal-konformità li trid tintuża mir-riċiklaturi f'konformità mal-Artikolu 29(2)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| DIKJARAZZJONI tal-KONFORMITÀ TAR-RIĊIKLATURI f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-REGOLAMENT (UE) 2022/1616 ('Dikjarazzjoni A') | | | | | |
| Jiena, is-sottoskritt, niddikjara f'isem [ŻID L-ISEM TAR-RIĊIKLATUR] kif identifikat fit-Taqsima 1.1, li l-plastik riċiklat identifikat fit-Taqsima 1.2 ġie prodott f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616. Il-plastik riċiklat li għalih tapplika din id-dikjarazzjoni huwa adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel biss jekk jintuża f'konformità mal-istruzzjonijiet u mar-restrizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' din id-Dikjarazzjoni, u mat-tikkettar fuq il-prodott.<br>B'dan, jien niddikjara li sa fejn naf jien il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni huwa korrett u konformi mar-Regolament (UE) 2022/1616. | | | | | |
| Taqsima 1: Identifikazzjoni | | | | | |
| 1.1 Riċiklatur | | 1.2 Prodott riċiklat | | 1.3 Awtorità kompetenti | |
| 1.1.1 Isem tal-entità | | 1.2.1 Isem kummerċjali / deżinjazzjoni | | 1.3.1 Isem tal-entità | |
| 1.1.2 FCM-RON* | | 1.2.2 Nru tal-Lott | | 1.3.2 Indirizz | |
| 1.1.3 Pajjiż | | 1.2.3 FCM-RIN* | | 1.3.3 Pajjiż/ reġjun | |
| 1.1.4 FCM-RFN* | | 1.2.4 Informazzjoni oħra, jekk ikun hemm | | 1.3.4 in-Numru tar-Reġistrazzjoni assenjat, jekk ikun hemm | |
| | | 1.2.5 l-istatus tar-reġistrazzjoni tal-installazzjoni | ☐ irreġistrata ġdida<br>☐ qiegħda tiġi stabbilita<br>☐ attiva<br>*(indika wieħed)* | | |
| | | 1.2.6 Polimeru tat-tip**** | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 1.2.7 Kodiċi(jiet) tal-komodità użati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-prodott li għalih tapplika d-dikjarazzjoni jekk ikollu kontenut li joriġina minn materjal importat | | | |
| Taqsima 2: Konformità | | | | | |
| 2.1 Bażi għall-awtorizzazzjoni jew għall-permess biex topera (*immarka kaxxa waħda biss*) | | | | | |
| | | | | | |
| 2.1.1 | ☐ | Deċiżjoni ta' Awtorizzazzjoni | RAN* | | *(żid referenza għan-numru Q tal-EFSA jekk tkun saret applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u din tkun għadha għaddejja)* |
| 2.1.2 | ☐ | Skema ta' riċiklaġġ | RSN* | | |
| 2.1.3 | ☐ | Ma hija meħtieġa l-ebda skema ta' awtorizzazzjoni jew ta' riċiklaġġ | *(spjega r-raġuni)* | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2.1.4 | ☐ | Teknoloġija ġdida | NTN* | |
| 2.2 Riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità kif elenkati fl-istadji obbligatorji tal-valutazzjoni tal-kwalità fit-Tabella 3.1 tal-Anness II; obbligatorju biss jekk il-kamp 2.1.1 ikun immarkat<br>Importanti: Il-kampijiet minn 2.2.2 sa 2.2.4 jistgħu jitħallew vojta, dment illi l-kamp 2.2.5 ikun immarkat 'Iva' | | | | |
| Stadju** | Kriterji tad-deċiżjoni u eżitu/i | | | Numru/i tal-Lott |
| 2.2.1 Ħruġ | | | | |
| 2.2.2 Dħul | | | | |
| 2.2.3 Input | | | | |
| 2.2.4 Output | | | | |
| 2.2.5 Is-sottoskritt se jagħmel l-informazzjoni meħtieġa fil-kampijiet 2.2.2 sa 2.2.4 disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba tagħha, fi żmien 10 ijiem ta' xogħol | | | | ☐ Iva<br>☐ Mhux applikabbli, l-informazzjoni hija pprovduta fil-kampijiet 2.2.2 sa 2.2.4 |
| Taqsima 3: Struzzjonijiet u informazzjoni għall-utenti tal-prodott | | | | |
| 3.1 | Struzzjonijiet għall-konvertituri | | | |
| 3.1.1 | Kontenut massimu riċiklat (w/w %) | % | | |
| 3.1.2 | Kontenut riċiklat preżenti (w/w %) | % | | |
| 3.1.3 | Restrizzjonijiet tal-użu*** | | | |
| 3.1.4 | Struzzjonijiet oħra, jekk ikun hemm | | | |
| 3.2 | Struzzjonijiet għall-utenti aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista, inklużi l-utenti finali | | | |
| 3.2.1 | Restrizzjonijiet tal-użu*** | | | |
| 3.2.2 | Sommarju tat-tikkettar, jekk ikun hemm | | | |
| 3.2.3 | Struzzjonijiet oħra, jekk ikun hemm | | | |

| Taqsima 4: Firma | |
|---|---|
| 4.1 Firma u timbru tal-kumpanija | |
| 4.2 Isem il-persuna li tiffirma | |
| 4.3 Rwol/pożizzjoni tal-persuna li tiffirma | |
| 4.4 Data u post | |

* RAN – in-numru tal-awtorizzazzjoni tar-riċiklaġġ; RON – in-numru tal-operatur tar-riċiklaġġ (riċiklaturi); RIN – in-numru tal-installazzjoni tar-riċiklaġġ; RSN – in-numru tal-iskema tar-riċiklaġġ; NTN – in-numru tat-teknoloġija ġdida; RFN – In-numru tal-faċilità tar-riċiklaġġ.

** Huwa obbligatorju li jimtlew il-kampijiet għall-istadju tal-ħruġ (il-lott li jitqiegħed fis-suq u li huwa akkumpanjat minn din id-dikjarazzjoni). Il-mili tal-kampijiet l-oħrajn huwa volontarju, iżda f'każ li din l-informazzjoni ma tiġix ipprovduta permezz ta' din id-dikjarazzjoni, għandha tkun magħmula disponibbli għall-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, fi żmien 10 ijiem ta' xogħol.

*** Ir-restrizzjonijiet tal-użu għandhom jikkorrispondu għal kwalunkwe kundizzjoni applikabbli fir-rigward tal-applikazzjoni tal-plastik riċiklat, f'konformità mal-Anness I għat-teknoloġija applikata, mal-Artikoli 7, 8, jew 9 ta' dan ir-Regolament, mal-Awtorizzazzjoni tal-proċess tar-riċiklaġġ, jekk ikun hemm, jew ma' kwalunkwe restrizzjoni oħra li r-riċiklatur iqis li tkun neċessarja. Jekk mhux applikabbli, jekk jogħġbok ħalli vojt.

**** It-tip ta' polimeru għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin: PET (Polietilentereftalat), HDPE (Polietilen b'Densità Għolja), LDPE (Polietilen b' Densità Baxxa), PP (Polipropilen), PS (Polistiren), PA (Poliammid), PLA (Aċidu Polilattiku), PVC (Klorur tal-Polivinil) jew O (oħrajn).

PARTI B

Dikjarazzjoni B: Dikjarazzjoni tal-konformità li trid tintuża mill-konvertituri f'konformità mal-Artikolu 29(3)

| DIKJARAZZJONI tal-KONFORMITÀ tal-KONVERTITURI f'konformità mal-Artikolu 29(3) tar-REGOLAMENT (UE) 2022/1616 ('Dikjarazzjoni B') |
|---|
| Jiena, is-sottoskritt, niddikjara f'isem [ŻID ISEM IR-RIĊIKLATUR] kif identifikat fit-Taqsima 1.1, li l-plastik riċiklat identifikat fit-Taqsima 1.2 ġie prodott f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616. Il-plastik riċiklat li għalih tapplika din id-Dikjarazzjoni huwa adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel biss jekk jintuża f'konformità mal-istruzzjonijiet u mar-restrizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' din id-Dikjarazzjoni u mat-tikkettar fuq il-prodott.<br>B'dan, jien niddikjara li sa fejn naf jien il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni huwa korrett u konformi mar-Regolament (UE) 2022/1616. |

| Taqsima 1 Identifikazzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1.1 Konvertitur | | 1.2 Prodott bi plastik riċiklat | | 1.3 Awtorità kompetenti | |
| 1.1.1 Isem tal-entità | | 1.2.1 Isem kummerċjali / deżinjazzjoni | | 1.3.1 Isem tal-entità | |
| 1.1.2 Indirizz | | 1.2.2 Nru tal-Lott | | 1.3.2 Indirizz | |
| 1.1.3 Pajjiż | | 1.2.4 Informazzjoni oħra | | 1.3.3 Pajjiż/ reġjun | |
| | | 1.2.6 Tip ta' polimeru* | | 1.3.4 Numru tar-reġistrazzjoni, jekk applikabbli | |
| | | 1.2.7 Il-kodiċi tal-komodità użat għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-prodott li għalih tapplika d-dikjarazzjoni jekk ikollu kontenut li joriġina minn materjal importat | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Taqsima 2: Konformità | | | | |
| 2.1 | | | | |
| 2.1.1 | Oriġini tal-plastik riċiklat; in-numru tal-RIN | | | |
| 2.1.2 | Numri tal-lott tal-plastik riċiklat mill-installazzjoni ta' dekontaminazzjoni | | | |
| 2.1.3 | Kontenut massimu riċiklat indikat mir-riċiklatur (Dikjarazzjoni A, 3.1.1) | | | % w/w |
| 2.1.4 | Kontenut riċiklat reali ta' dan il-prodott | | | % w/w |
| 2.1.5 | Ir-restrizzjonijiet previsti fid-Dikjarazzjoni tal-konformità li waslet mingħand ir-riċiklatur huma ssodisfati | | | ☐ Iva<br>☐ Mhux Applikabbli |
| 2.1.6 | Żieda ta' addittivi jew ta' sustanzi tal-bidu | ☐ Addittivi jew sustanzi tal-bidu miżjuda huma f'konformità mal-Artikolu 5 jew mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 10/2011 | | ☐ L-ebda żieda |
| 2.1.7 | L-istatus tar-reġistrazzjoni tal-installazzjoni | ☐ irreġistrata ġdida<br>☐ qiegħda tiġi stabbilita<br>☐ attiva | | |
| 2.1.8 | Numru tal-NTN (jekk manifatturat bl-użu ta' teknoloġija ġdida) | | | |
| Taqsima 3: Struzzjonijiet u informazzjoni għall-utenti tal-prodott | | | | |
| 3.2 | Struzzjonijiet għall-utenti aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista, inklużi l-utenti finali | | | |
| 3.2.1 | Il-prodott identifikat fit-taqsima 1.2 huwa:<br>(immarka waħda skont kif applikabbli) | (A) plastik riċiklat għal stadji ta' konverżjoni ulterjuri | ☐ | *(pereżempju, dan ikun il-każ jekk il-kontenut riċiklat reali fil-kamp 2.1.4 jaqbeż il-kontenut massimu riċiklat fil-kamp 2.1.3, jew jekk sustanzi ġew miżjuda mal-plastik riċiklat)* |
| | | (B) materjal jew oġġett tal-plastik finali adatt sabiex jiġi f'kuntatt mal-ikel mingħajr proċessar ulterjuri. | ☐ | *(jekk tiġi mmarkata (B), l-operaturi li jirċievu din id-dikjarazzjoni għandhom joħorġu d-Dikjarazzjoni C mal-prodotti tagħhom sakemm ma jkunux biddlu l-kompożizzjoni tal-plastik)* |

<table>
<tr><td>3.2.2</td><td>Tip jew tipi ta' ikel li magħhom huwa maħsub sabiex jiġi f'kuntatt</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>3.2.3</td><td>Ħin u temperatura tat-trattament u l-ħżin f'kuntatt mal-ikel</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>3.2.4</td><td>L-ogħla proporzjon tal-erja tal-wiċċ ta' kuntatt mal-ikel mal-volum li għalih ġiet ivverifikata l-konformità</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td rowspan="3">3.2.5</td><td rowspan="3">Lista ta' sustanzi miżjuda skont il-punt 2.1.6 b'limiti ta' migrazzjoni; jekk ikun hemm, żid ir-ringieli kif meħtieġ (nota: In-Numru tal-FCM u l-limitu ta' migrazzjoni speċifika ('SML') jista' jkun li ma jkunux jeżistu għal ċerti sustanzi)</td><td>Nru FCM **</td><td>Deżinjazzjoni oħra (Nru CAS, isem kimiku)</td><td>SML**<br>(mg/kg ta' ikel)</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.2.6</td><td>Informazzjoni u struzzjonijiet rilevanti oħrajn, inkluż f'konformità mal-punti 6 u 11 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011, jekk ikun hemm</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>3.2.7</td><td colspan="3">Il-plastik riċiklat li għalih tapplika din id-Dikjarazzjoni jinsab f'saff, f'materjal jew f'oġġett b'diversi saffi soġġett rispettivament għall-Artikoli 13 jew 14 tar-Regolament (UE) Nru 10/2011. F'dan il-każ, għal kull saff, tinżamm dikjarazzjoni tal-konformità maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) Nru 10/2011 jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali rispettiva bħala dokumentazzjoni ta' sostenn f'konformità mal-Artikolu 5a(3).</td><td>IVA / LE</td></tr>
<tr><td colspan="5">Taqsima 4: Firma</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 4.1 Firma u timbru tal-kumpanija | |
| 4.2 Isem il-persuna li tiffirma | |
| 4.3 Rwol/pożizzjoni tal-persuna li tiffirma | |
| 4.4 Data u post | |

* It-tip ta' polimeru għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin: PET (Polietilentereftalat), HDPE (Polietilen b'Densità Għolja), LDPE (Polietilen b' Densità Baxxa), PP (Polipropilen), PS (Polistiren), PA (Poliammid), PLA (Aċidu Polilattiku), PVC (Klorur tal-Polivinil) jew O (oħrajn).

** in-numru FCM kif speċifikat fil-kolonna 1 tat-tabella 1 tar-Regolament (UE) Nru 10/2011, u l-SML kif speċifikat fil-kolonna 8 u 9 tiegħu, jekk ikun hemm.

PARTI C

Dikjarazzjoni C: Dikjarazzjoni tal-konformità li trid tintuża mill-operaturi f'konformità mal-Artikolu 29(4)

| | |
|---|---|
| DIKJARAZZJONI tal-KONFORMITÀ f'konformità mal-Artikolu 29(4) tar-REGOLAMENT (UE) 2022/1616 ('Dikjarazzjoni C') | |
| Jiena, is-sottoskritt, niddikjara f'isem [ŻID ISEM L-OPERATUR] kif identifikat fit-Taqsima 1.1, li l-materjal jew l-oġġett tal-plastik riċiklat identifikat fit-Taqsima 1.2.1 ġie prodott f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616. Il-materjal jew l-oġġett riċiklat li għalih tapplika din id-dikjarazzjoni huwa adatt għall-użu f'kuntatt mal-ikel biss jekk jintuża f'konformità mal-istruzzjonijiet u mar-restrizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 3 ta' din id-Dikjarazzjoni, u mat-tikkettar fuq il-prodott.<br>B'dan, jien niddikjara li sa fejn naf jien il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni huwa korrett u konformi mar-Regolament (UE) 2022/1616. | |
| Taqsima 1: Identifikazzjoni | |
| 1.1.1 L-identità tal-operatur li joħroġ id-dikjarazzjoni | |
| 1.1.2 L-indirizz tal-operatur li joħroġ id-dikjarazzjoni | |
| 1.2.1 L-identità tal-prodott li għalih tapplika d-dikjarazzjoni | |
| 1.2.2 Il-kodiċi tal-komodità użat għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tal-prodott li għalih | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | tapplika d-dikjarazzjoni jekk ikollu kontenut li joriġina minn materjal importat | | | | |
| Taqsima 2: Konformità | | | | | |
| 2.1.1 | Kontenut totali tal-plastik fil-prodott | | | gramma *(piż totali tal-partijiet kollha tal-plastik b'kontenut riċiklat jew mingħajru fil-prodott)* | |
| 2.1.2 | L-identità, u l-kontenut tal-plastik riċiklat fil-parti, *inkluż it-tip ta' polimeru* (żid ringieli kemm meħtieġ biex tkopri l-partijiet kollha b'kontenut riċiklat)* | Parti | Kontenut riċiklat skont il-piż *(il-piż tal-plastik riċiklat f'kull parti tal-plastik li tinkludi aktar minn 5 % tal-plastik totali fil-prodott skont il-piż)* | Oriġini *(żid biss l-RINs li jikkontribwixxu għal aktar minn 5 % tal-kontenut riċiklat f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616, l-installazzjonijiet li jikkontribwixxu għal anqas minn **5 % tal-kontenut riċiklat għandhom jitħallew barra**; żid in-numru FCM ta' sustanza/i manifatturata/i mill-iskart, jekk il-materjal ikun fih ukoll kontenut riċiklat li jiġi manifatturat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 10/2011)* | |
| | *eż. Tapp tal-HDPE* | *A* | | *RINs/Nru FCM (eż. Nru FCM 125)* | |
| | *Eż. Flixkun tal-PET* | *B* | | *RINs (eż. EU1-123-0I2)* | |
| 2.2 | Il-perċentwal tal-kontenut totali ta' plastik riċiklat fil-prodott | | | (∑ 2.1.2 / 2.1.1) x 100 %[†] | |

<table>
<tr><td>2.3</td><td>Il-materjali u l-oġġetti kollha tal-plastik riċiklat f'dan il-prodott jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2022/1616 ħlief partijiet manifatturati bil-plastik manifatturat mill-iskart f'konformità mal-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament</td><td colspan="7">IVA / LE††</td></tr>
<tr><td>2.4.1</td><td>Il-materjali u l-oġġetti kollha tal-plastik f'dan il-prodott jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 10/2011</td><td>IVA / LE††</td><td colspan="6">Innota li f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616, il-plastiks riċiklati wkoll iridu jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 10/2011. Madankollu, tista' tiġi preżunta l-konformità jekk il-plastik riċiklat ikun manifatturat kompletament f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/1616, u sustanzi/plastik miżjuda (jekk ikun hemm) jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 10/2011. Innota li anke l-Artikoli 11 u 12 ta' dak ir-Regolament iridu jiġu ssodisfati, iżda ma hemm l-ebda obbligu li tiġi vverifikata tali konformità.</td></tr>
<tr><td>2.4.2</td><td>Informazzjoni, speċifikazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet adegwati meħtieġa f'konformità mal-punti 6 sa 10 tal-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011; applikabbli biss għal partijiet manifatturati kompletament f'konformità ma' dak ir-Regolament, jekk ikun hemm.</td><td colspan="7">(jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni hawnhekk jew f'dokument anness)</td></tr>
<tr><td>2.4.3</td><td>Il-partijiet manifatturati b'sustanzi li ġew manifatturati mill-iskart huma konformi mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 10/2011</td><td colspan="7">IVA / LE††</td></tr>
<tr><td>2.4.4</td><td>Sustanzi miżjuda f'konformità mal-Artikolu 29(4); l-ammont miżjud totali fl-istadji ta'</td><td>Parti (bħal fi 2.1.2)</td><td>Il-kolonna 'dieħel': L-ammont preżenti</td><td>Dieħel</td><td>+</td><td>Miżjud</td><td>=</td><td>Ħiereġ</td></tr>
</table>

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | produzzjoni sussegwenti kollha soġġetti għad-Dikjarazzjoni C flimkien ('ħiereġ') ma jistax jaqbeż il-1 % (w/w) għal kull parti; w/w huwa espress bħala l-proporzjon tal-piż tas-sustanza miżjuda mal-piż tal-parti tal-plastik li magħha ġew miżjuda s-sustanzi. | *A* | f'materjal li jkun dieħel jekk ikun soġġett għad-Dikjarazzjoni C, kif speċifikat fil-kamp 'ħiereġ' fl-2.4.4 tad-dikjarazzjoni riċevuta. | …% w/w | | …% w/w | | …% w/w |
| | | *(żid il-linji kif meħtieġ)* | | | | | | |
| Taqsima 3: Struzzjonijiet u informazzjoni għall-utenti tal-prodott | | | | | | | | |
| 3.1.1 | Struzzjonijiet rilevanti għall-utenti tal-prodott, jekk applikabbli<br>(dejjem inkludi l-istruzzjonijiet fid-dokumentazzjoni tal-konformità riċevuta jekk dawn ikunu rilevanti għall-utenti aktar 'il quddiem fil-katina tal-provvista) | | | | | | | |
| Taqsima 4: Firma | | | | | | | | |
| 4.1 | Firma u timbru tal-kumpanija | | | | | | | |
| 4.2 | Isem il-persuna li qed tiffirma | | | | | | | |
| 4.3 | Rwol/pożizzjoni tal-persuna li qed tiffirma | | | | | | | |
| 4.4 | Data u post | | | | | | | |

† Hawnhekk, is-somma tal-piż tal-kontenut riċiklat kollu f'partijiet tal-plastik li jinkludu aktar minn 5 % tal-plastik fil-prodott b'kontenut riċiklat hija diviża bil-piż totali tal-partijiet tal-plastik kollha fil-prodott biex jiġi ddeterminat il-perċentwal ġenerali tal-kontenut riċiklat.

†† ingassa jew ħassar dak li ma huwiex applikabbli

* It-tip ta' polimeru għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin: PET (Polietilentereftalat), HDPE (Polietilen b'Densità Għolja), LDPE (Polietilen b' Densità Baxxa), PP (Polipropilen), PS (Polistiren), PA (Poliammid), PLA (Aċidu Polilattiku), PVC (Klorur tal-Polivinil) jew O (oħrajn)."